# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

14 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-61/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Oberverwaltungsgericht Rheinland-Pfalz (il-Ġermanja), b'deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil- 11 ta' Frar 2009, fil-proċedura

**Landkreis Bad Dürkheim**

vs

**Aufsichts- und Dienstleistungsdirektion,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President ta' Awla, J.-J. Kasel A. Borg Barthet (Relatur), E. Levits, u M. Safjan, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Frar 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Landkreis Bad Dürkheim, minn A. Martin, bħala aġent,

— għall-l'Aufsichts- und Dienstleistungsdirektion, minn M. Arnoldi, bħala aġent,

— għal-Landkreis Bad Dürkheim, minn A. Martin, bħala aġent,

— għal A. Niedermair-Schiemann, minn M. Winkelmüller u M. Rietdorf, avukati,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u J. Möller, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u M. Drwiecki, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Clotuche-Duvieusart u G. von Rintelen, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2010,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU L 270, p. 1, u r-rettifika ĠU 2004, L 94, p. 70), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2013/2006, tad-19 ta' Diċembru 2006, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 4, p. 269) (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Nru 1782/2003").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-Landkreis Bad Dürkheim (awtorità distrettwali rurali ta' Bad Dürkheim) u l-Aufsichts- und Dienstleistungsdirektion Rheinland-Pfalz (korp amministrattiv b'poteri ta' superviżjoni u konsulenza tal-Land ta' Rhénanie-Palatinat, iktar 'il quddiem, l-"ADD") dwar it-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti żoni (iktar 'il quddiem iż-"żoni inkwistjoni")

għal skopijiet ta' allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagamenti lil A. Niedermair-Schiemann fil-kuntest tal-iskema ta' pagament uniku.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

Ir-Regolament Nru 1782/2003

3 Ir-Regolament Nru 1782/2003 jistabbilixxi, partikolarment, skema ta' appoġġ għad-dħul għall-bdiewa. Din l-iskema hija deskritta, fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament bħala l-"iskema ta' pagament uniku".

4 Skont il-premessa 3 ta' dan ir-regolament:

"Biex ikun evitat l-abbandun ta' art agrikola u biex ikun żgurat li tkun miżmuma f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba, għandhom jiġu stabbiliti'standards' li jistgħu jkollhom jew le il-bażi f'dispożizzjonijiet ta' l-Istati Membri. Hu għalhekk xieraq li jkun stabbilit qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jistgħu jadottaw 'standards' wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona konċernata, inklużi l-ħamrija

u l-kondizzjonijiet klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja (użu ta' l-art, newba ta' l-uċuh tar-raba' ('crop rotation'), prattiċi ta' l-irziezet) u strutturi ta' l-irziezet."

5 Skont il-premessa 21 tal-imsemmi regolament:

"L-iskemi ta' appoġġ taħt il-politika agrikola komuni jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul dirett b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien imparzjali għall-Komunità agrikola. Dan l-għan hu relatat mill-qrib mal-manteniment taż-żoni rurali. [...]"

6 Il-premessa 24 tal-istess regolament tipprovdi partikolarment:

"[...] Hu għalhekk xieraq li l-pagament uniku lir-razzett ikun suġġett għall-kondizzjoni li jkun hemm 'cross-compliance' ma' l-ambjent, sigurtà ta' l-ikel, saħħa u benesseri ta' l-annimali, kif ukoll il-manteniment tar-razzett f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba."

7 Skont l-Artikolu 2(b) sa (ċ) tar-Regolament Nru 1782/2003:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

b) 'ażjenda' tfisser il-'units' kollha ta' produzzjoni immexxija minn bidwi li jinsab fit-territorju ta' l-istess Stat Membru;

ċ) ‘attività agrikola’ bħala [i]l-produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta’ prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, produzzjoni tal-ħalib, trobbija ta’ annimali u ż-żamma ta’ annimali għal skop[ijiet] ta’ biedja [agrikoli], jew il-manteniment [manutenzjoni] tal-art f’kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5”.

8 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, bit-titolu “Kondizzjonijiet prinċipali” jipprovdi:

“1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta l-kondizzjonijiet amministrattivi statutarji msemmija fl-Anness III, skond il-kalendarju mniżżel f’dak l-Anness, u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita taħt l-Artikolu 5.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-bidwi lista ta’ kondizzjonijiet amministrattivi statutarji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba li jrid jiġu rispettati.”

9 Skont l-Artikolu 5(1) tal-istess regolament:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraaw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m’għadiex tintuża għall-skopijiet ta’ produzzjoni, tinżamm f’kondizzjoni agrikola and ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, fuq livell nazzjonali jew reġjonali, il-kondizzjonijiet minimi għall-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba fuq il-bażi tal-qafas stabbilit fl-Anness IV, wara li jittieħed kont tal-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni konċernati, inklużi l-kondizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, użu ta’ l-art, newba ta’ l-uċuħ tar-raba’, prattiċi tal-biedja, u strutturi ta’ l-irziezet. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-‘istandards’ li jirregolaw il-prattiċi agrikoli tajba kif applikati fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999

u tal-miżuri agri-ambjentali applikati 'il fuq mil-livell ta' referenza ta' prattiċi agrikoli tajba."

10 L-Artikolu 36(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 huwa fformulat kif ġej:

"Għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku għandha titħallas fir-rigward ta' drittijiet għall-pagament kif definiti fil-Kapitolu 3, akkumpanjati b'numru ugwali ta' ettari eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 44(2)."

11 L-Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 1782/2003, bit-titolu "Determinazzjoni tad-drittijiet għall-pagament", jipprovdi fl-ewwel u t-tieni paragrafi tiegħu:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48, bidwi għandu jirċievi dritt għall-pagament għal kull ettaru li jiġi kalkulat bid-diviżjoni ta' l-ammont ta' referenza bil-medja ta' tlett snin tan-numru ta' ettari kollha li fil-perjodu ta' referenza taw id-dritt għall-pagamenti diretti mniżżla fl-Anness VI.

In-numru totali ta' drittjiet għall-pagament għandu jkun ugwali għan-numru medju ta' ettari fuq imsemmi."

12 L-Artikolu 44(1) sa (3) tal-imsemmi regolament, bit-titolu “Użu ta’ drittijet għall-pagament”, jipprovdi li:

“1. Kull dritt għall-pagament akkumpanjat b’ettaru eliġibbli għandu jagħti dritt għall-pagament ta’ l-ammont iffissat mid-dritt ta’ pagament.

2. ‘Ettaru eliġibbli’ ifisser kull żona agrikola ta’ l-azjenda meħuda minn art li tinħarat [art li tinħadem] u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.

‘Ettaru eliġibbli’ għandha tfisser ukoll żoni ppjantati b’ħops jew li qegħdin taħt obbligu ta’ mistrieħ temporanju, jew żoni taħt siġar taż-żebbuġ.

3. Il-bidwi għandu jiddikjara l-biċċiet ta’ art li jikkorrispondu ma’ l-ettaru eliġibbli li jakkumpanja kull dritt għall-pagament. Ħlief fil-każ ta’ ‘force majeure’ jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-biċċiet ta’ art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi għal mill-inqas perjodu ta’ 10 xhur, li jibdew minn data ffissata mill-Istat Membru, imma mhux qabel l-1 ta’ Settembru tas-sena kalendarja ta’ qabel is-sena meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-parteċipazzjoni fl-iskema unika ta’ pagament.”

13 Fil-Kapitolu 5 tiegħu, bit-titolu “Implimentazzjoni reġjonali”, ir-Regolament Nru 1782/2003 jipprovdi l-possibbiltà għall-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta’ pagament uniku fil-livell reġjonali.

14 L-Artikolu 59(4) tal-imsemmi regolament, applikabbli fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku fil-livell reġjonali, jipprovdi li n-numru ta' drittijiet għal kull bidwi għandu jkun ugwali għan-numru ta' ettari li huwa jiddikjara skont l-Artikolu 44(2) fl-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku, ħlief fil-każ ta' "force majeure" jew ċirkustanzi eċċezzjonali fis-sens tal-Artikolu 40(4).

Ir-Regolament (KE) Nru 795/2004

15 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni [pagament uniku] li hemm provvediment dwaru fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 394/2005, tat-8 ta' Marzu 2005 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 226, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 795/2004"), jipprovdi fl-Artikolu 2(a) sa (h):

"Għall-finijiet ta[t]-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u ta' dan ir-regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

a) 'żona agrikola' għandha tfisser iż-żona totali kollha meħuda, minn art li tinħadem, mergħa permanenti, u uċuh tar-raba permanenti;

b) 'art li tinħadem' għandha tfisser 'art li tinħadem' skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 il[-]punt (1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004(2);

ċ) 'uċuh tar-rarab [raba] permanenti' għandha tfisser uċuh tar-raba li ma jdurux minbarra mergħa permanenti li tokkupa l-art għal ħames snin jew aktar u li tagħti

ħsad ripetut inkluż mixtliet kif definiti fl-Anness I il-punt (G/05) li jinsab mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/115/KE(3), bl-eċċezzjoni ta uċuh tar-raba multi annwali u l-mixtliet ta' dawk l-uċuh tar-raba multiannwali;

[...]

e) 'mergħa permanenti' għandha tfisser 'mergħa permanenti' skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 il-punt(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004;

[...]

h) 'kiri' għandha tfisser il-kiri jew tipi simili ta' transazzjonijiet temporanji."

Ir-Regolament (KE) Nru° 796/2004

16 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u ġestjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 242), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE)

Nru 239/2005, tal-11 ta' Frar 2005 (ĠU L 348M, p. 61, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 796/2004"), jipprovdi fl-Artikolu 2(1) u (2) tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-tifsiriet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1) 'Art li tinħadem': għandha tfisser art koltivata għall-produzzjoni ta' uċuh tar-raba u art għat-twarrib jew miżmuma f' kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba skond l-artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew art taħt serer jew taħt kopertura fissa jew mobbli;

2) 'Mergħat permanenti': għandha tfisser art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba' tal-azjenda għal ħames snin jew iktar, minbarra art li taqa' fi ħdan l-iskemi għas-serħan tal-artijiet skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999 [...]".

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

17 Skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi dwar l-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku (Betriebsprämiendurchführungsgesetz, BGBl. 2006 I, p. 1298), il-pagament uniku

jingħata fil-livell reġjonali mill-1 ta' Jannar 2005 skont il-modalitajiet stabbiliti rispettivament mill-imsemmija liġi u r-regolament li jimplementa l-iskema ta' pagament uniku.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 Il-kawża prinċipali tirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni taż-żoni inkwistjoni għall-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament lil A. Niedermair-Schiemann fil-kuntest tal-iskema ta' pagament uniku.

19 A. Niedermair-Schiemann tieħu ħsieb azjenda agrikola għat-trobbija tan-nagħaġ. Hija tuża ż-żoni inkwistjoni abbażi ta' żewġ kuntratti.

20 Permezz tal-ewwel minn dawn il-kuntratti, konkluż fit-12 ta' Novembru 1998 mal-Land de Rhénanie-Palatinat, A. Niedermair-Schiemann hija awtorizzata tuża ċerti żoni bħala artijiet għall-mergħa u artijiet tal-ħaxix għall-ħsad. Ċerti restrizzjonijiet kienu imposti fuqha f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, l-imsemmija żoni ma jistgħux jinħasdu matul il-perijodu tal-1 ta' Novemberu sal-15 ta' Ġunju ta' kull sena u l-ħsad ma jistax isir b'magna tal-ħsad li taħdem bil-ġbid tal-ajra (suction) jew li taħdem b'sistema rotatorja. Minflok it-tieni ħsad, nagħaġ u mogħoż taħt is-superviżjoni tar-ragħaj jistgħu jitħallew jirgħu, fil-forma ta' mergħa b'tinwib tal-art jew mergħa f'żoni miftuħa, li l-perijodu li fih jirgħu jrid ikun miftiehem mal-awtorità tal-protezzjoni tal-kampanja, li hija responsabbli għall-manutenzjoni ta' dawn iż-żoni. It-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-artijiet huwa bla ħlas, bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tħallas il-kontribuzzjonijiet lill-assoċjazzjoni professjonali. Il-biċċiet tal-art ikkonċernati kienu mikrija lil-Land mill-proprjetarji tagħhom.

21 Skont it-tieni kuntratt, konkluż fl-1 ta' Mejju 2000 mal-Landkreis Bad Dürkheim, A. Niedermair-Schiemann, li dan il-kuntratt jikklassifikaha bħala "mandatarja", għandha l-obbligu li tagħmel manutenzjoni u tiġġestixxi ċerti żoni bil-għan li jiġu osservati r-regoli ta' protezzjoni tan-natura. Għal dan il-għan, hija tirċievi ħlas annwali fiss. Hija wkoll suġġetta għal obbligi kuntrattwali speċifiċi u għandha ssegwi l-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura, pereżempju kemm għandha tkun intensiva l-mergħa. Barra minn hekk, l-imsemmija awtorità toffrilha appoġġ materjali permezz ta' miżuri ta' manutenzjoni bħal ħsad preparatorju u tneħħija regolari ta' pjanti baxxi li jsir minn terzi. Parti miż-żoni kkonċernati hija proprjetà tal-Land de Rhénanie-Palatinat. Għall-bqija, il-mergħa għall-protezzjoni tan-natura kienet ġiet awtorizzata mill-proprjetarji u, f'ċerti każijiet, id-deċiżjonijiet ġenerali ttieħdu sabiex iġġiegħelhom jittollera miżuri ta' manutenzjoni implementati minn A. Niedermair-Schiemann.

22 Fil-kuntest tal-iskema ta' pagament uniku, A. Niedermair-Schiemann iddikjarat iż-żoni inkwistjoni bħala mergħat permanenti li jifformaw parti mill-azjenda tagħha. Bid-deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2006, id-drittijiet għall-pagament ingħatawlha għall-art li tinħadem u għall-mergħat, inklużi ż-żoni inkwistjoni.

23 Fuq istruzzjoni ministerjali, din id-deċiżjoni ġiet emendata b'deċiżjoni tal-14 ta' Mejju 2007 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni li temenda"), minħabba li ż-żoni inkwistjoni ma kinux eliġibbli għall-appoġġ.

24 A. Niedermair-Schiemann ressqet ilment kontra d-deċiżjoni li temenda.

25 Fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni inizjali tal-20 ta' Frar 2006 kienet ġiet adottata skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, il-Kumitat Legali tal-Landkreis Bad Dürkheim laqa' l-ilment ta' A. Niedermair-Schiemann u, b'deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2007, huwa annulla d-deċiżjoni li temenda.

26 Wara r-rikors ippreżentat mill-ADD, il-Verwaltungsgericht Neustadt an der Weinstraße annullat, b'sentenza tat-2 ta' Lulju 2008, id-deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2007 u reġgħet daħħlet fis-seħħ id-deċiżjoni li temenda.

27 L-imsemmija Verwaltungsgericht ikkunsidrat li, peress li l-azjenda kienet użata kemm għall-protezzjoni tan-natura kif ukoll għal attività agrikola estensiva, għandha tirreferi għad-dritt ta' użu sottostanti. Sussegwentement hija rrilevat li l-iskema ta' pagament uniku ma għandhiex l-għan li tagħti appoġġ għad-dħul għal kompiti ta' protezzjoni tan-natura allokati lill-bidwi mill-amministrazzjoni tal-Istat. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti ddeċidiet li jista' jkun hemm użu agrikolu biss jekk il-bidwi jkun ingħata d-dritt li juża l-azjenda bis-saħħa ta' kuntratt ta' kiri jew tranżazzjoni simili. Barra minn hekk, hija qieset li, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, l-għan li għalih iż-żoni kkonċernati tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' A. Niedermair-Schiemann ma kienx għan agrikolu, iżda ta' protezzjoni tan-natura. Fl-aħħar nett, hija qieset li, sabiex ikunu eliġibbli għall-appoġġ, iż-żoni kkonċernati għandhom jifformaw parti mill-azjenda eliġibbli għal dan l-appoġġ u li l-bidwi għandu jkollu d-dritt li jużahom għal skopijiet agrikoli, li ma huwiex il-każ f'din il-kawża.

28 Il-Landkreis Bad Dürkheim u A. Niedermair-Schiemann appellaw mill-imsemmija sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

29 Skont l-imsemmija qorti, is-soluzzjoni tal-kawża tiddependi fuq il-kwistjoni dwar jekk iż-żoni inkwistjoni jaqgħux taħt il-kunċett ta' "ettari eliġibbli" fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru° 1782/2003.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberverwaltungsgericht Rheinland-Pfalz iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Żona tibqa' żona agrikola skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 782/2003 meta, għalkemm użata wkoll għal skopijiet agrikoli (mergħa għat-trobbija tan-nagħaġ), din prinċipalment isservi għall-preżervazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura?

2) F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

Żona hija użata għal attivitajiet mhux agrikoli skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 1782/2003 meta l-attivitajiet inkwistjoni jservu prinċipalment għall-protezzjoni tan-natura jew f'kull każ meta, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, il-bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-awtorità responsabbli għall-protezzjoni tan-natura?

3) Jekk hemm żona agrikola (l-ewwel domanda) użata għal attivitajiet agrikoli (it-tieni domanda):

Sabiex żona agrikola tkun ikkunsidrata bħala li tifforma parti minn azjenda [żona agrikola tal-azjenda skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament KE Nru 1782/2003]:

a) huwa neċessarju li tali żona tkun qiegħda għad-dispożizzjoni tal-azjenda permezz ta' kuntratt ta' kiri jew ta' tranżazzjoni temporanja tal-istess tip, konkluż bi ħlas?

b) Fil-każ ta' risposta negattiva: Iż-żona tibqa' tifforma parti mill-azjenda meta din titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-azjenda mingħajr ħlas, jew biss bi ħlas tal-ispejjeż lill-assoċjazzjoni professjonali, bil-għan li tintuża b'ċertu mod u matul perijodu limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura?

ċ) Fil-każ ta' risposta affermattiva: Iż-żona tibqa' tifforma parti mill-azjenda meta l-azjenda hija obbligata twettaq ċerti servizzi li għalihom hija rremunerata?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

31 Peremezz tal-ewwel żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li żona tkun eliġibbli għall-appoġġ li, minkejja użata wkoll għal skopijiet agrikoli, isservi prinċipalment għall-preservazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura, partikolarment peress li, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, il-bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-amministrazzjoni responsabbli għal din il-protezzjoni tan-natura.

32 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, "ettaru eliġibbli" huwa kull żona agrikola tal-azjenda meħuda minn art li tinħadem u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.

33 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, l-ewwel nett, jekk żona tistax tiġi kklassifikata bħala agrikola li, minkejja użata għal skopijiet agrikoli, isservi prinċipaliment għall-preservazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura.

34 Il-kunċett ta' żona agrikola huwa ddefinit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament Nru 795/2004 bħala ż-żona totali kollha meħuda, minn art li tinħadem, mergħa permanenti, u wċuh tar-raba permanenti.

35 Skont l-Artikolu 2(b) tal-istess regolament, moqri flimkien mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 796/2004, art li tinħadem hija art kkultivata għall-produzzjoni ta' wċuh tar-raba u art għat-twarrib jew miżmuma f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

36 Skont l-Artikolu 2(a) tar-Regolament Nru 795/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 76/2004, mergħa permanenti hija art li tintuża għat-tkabbir ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (biż-żriegħ waħdu) jew permezz ta' kultivazzjoni (miżrugħ) u li mhux inkluż fir-rotazzjoni tal-uċuh tar-raba tal-azjenda għal ħames snin jew iktar.

37 Mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 32 sa 36 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta' "art li tinħadem" jew ta' "mergħa permanenti" u, konsegwentement, dik ta' "żona agrikola", tiddependi mill-użu effettiv tal-artijiet inkwistjoni. B'hekk, żona għandha tiġi kklassifikata bħala agrikola meta hija użata bħala art li tinħadem jew bħala mergħa permanenti fis-sens tal-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament Nru 796/2004.

38 Minn dan isegwi li l-fatt li biċċiet ta' art li huma effettivament użata bħala art li tinħadem jew mergħat permanenti jservu prinċipalment għall-protezzjoni tan-natura u għall-konservazzjoni tal-pajsaġġ ma jistax jippreKludi li tali biċċiet tal-art jiġu kklassifikati bħala żona agrikola fis-sens tal-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament Nru 796/2004.

39 Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessi 3, 21 kif ukoll 24 tar-Regolament Nru 1782/2003, il-protezzjoni tal-ambjent tifforma parti mill-għanijiet tal-iskema ta' pagament uniku. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-protezzjoni tal-ambjent, li tikkostitwixxi waħda mill-għanijiet essenzjali tal-Unjoni Ewropea, għandha titqies bħala għan li jifforma parti mill-politika komuni tal-agrikoltura (sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Horvath, C-428/07, Ġabra p. I-6355, punt 29). Barra minn hekk, l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 796/2004 jipprovdi b'mod espliċitu li l-art li tinħadem, u konsegwentement żoni agrikoli skont l-Artikolu 2(a) tar-Regolament Nru 79/2004, hija l-art kkultivata miżmuma f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

40 F'dan il-kuntest, ikun kontradittorju li żona agrikola ma tibqax eliġibbli għall-appoġġ peress li hija użata għal skopijiet ta' konservazzjoni tal-pajsaġġ u ta' protezzjoni tan-natura.

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li n-natura predominanti tal-għan ta' protezzjoni tan-natura u ta' konservazzjoni tal-pajsaġġ ta' żona ma ċċaħħadiex min-natura agrikola tagħha, fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, peress li, f'din il-kawża, iż-żona hija s-suġġett ta' użu effettiv bħala art li tinħadem jew bħala mergħa.

42 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk żona agrikola tistax tkun eliġibbli għall-appoġġ jekk fuqha hija eżerċitata attività li sservi prinċipalment għall-preservazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura.

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, iż-żoni agrikoli użati għal attività mhux agrikola ma humiex eliġibbli għall-appoġġ.

44 L-Artikolu 2(ċ) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi l-attività agrikola bħala l-produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, produzzjoni tal-ħalib, trobbija ta' annimali u ż-żamma ta' annimali għal skopijiet agrikoli, jew il-manutenzjoni tal-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5 tal-istess regolament.

45 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni dwar jekk żona agrikola li hija użata għal attivitajiet agrikoli u għal attivitajiet mhux agrikoli fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44(2) hijiex eliġibbli għall-appoġġ.

46 F'din il-każ, għandu madankollu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, iż-żoni inkwistjoni kienu użati għal attività agrikola.

47 Fil-fatt, peress li żona agrikola hija s-suġġett ta' attività agrikola fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1782/2003, huwa irrilevanti, għall-finijiet tal-Artikolu 44(2) tiegħu, li din l-attività għandha għan primarjament agrikolu jew ta' protezzjoni tan-natura.

48 Bl-istess mod, l-eżistenza ta' istruzzjonijiet mogħtija lill-bidwi mill-amministrazzjoni nazzjonali kompenti ma għandhomx rilevanza fir-rigward tad-definizzjoni tal-attività agrikola mniżżla fl-imsemmija dispożizzjoni. Dan b'mod iktar speċifiku peress li, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1782/2003 stess, bidwi li jirċievi pagamenti diretti mhux biss għandu josserva l-kundizzjonijiet amministrattivi statutarji msemmija fl-Anness III ta' dan ir-regolament, u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita taħt l-Artikolu 5, iżda li l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprovdi lill-bidwi bil-lista ta' kundizzjonijiet amministrattivi statutarji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba li għandu josserva.

49 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludiex li żona tkun eliġibbli għall-appoġġ li, minkejja użata wkoll għal skopijiet agrikoli, isservi prinċipalment għall-preservazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura. Barra minn hekk, il-fatt li bidwi huwa suġġett għall-istruzzjonijiet tal-amministrazzjoni responsabbli għall-protezzjoni tan-natura ma jċaħħadx attività li tikkorrispondi għad-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(ċ) tal-imsemmi regolament min-natura agrikola tagħha.

*Fuq it-tielet domanda*

50 It-tielet domanda hija intiża sabiex tiddetermina f'liema kundizzjonijiet żona agrikola tista' titqies bħala suġġett fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003.

51 B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi qabel kollox jekk huwiex neċessarju, sabiex żona agrikola titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda ta' bidwi, li dan tal-aħħar jkollu kuntratt ta' kiri jew tip ieħor ta' kuntratt tal-istess tip, konkluż bi ħlas. L-imsemmija qorti tistaqsi sussegwentement jekk iż-żona tibqax tifforma parti mill-azjenda meta din titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-bidwi bil-għan li tintuża b'ċertu mod u matul perijodu limitat, b'mod konformi mal-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk żona agrikola tistax titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda meta l-bidwi huwa obbligat jwettaq ċerti servizzi li għalihom huwa rremunerat.

52 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, iż-żoni agrikoli tal-azjenda huma eliġibbli għall-appoġġ. Din hija ddefinita fl-Artikolu 2(b) ta' dan ir-regomament bħala l-units kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi li jinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru.

53 L-Artikolu 44(3) tal-imsemmi regolament jispeċifika li l-biċċiet ta' art li jikkorrispondu mal-ettaru eliġibbli marbut ma' kull dritt għall-pagament għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi għal, tal-inqas, perijodu ta' għaxar xhur.

54 B'hekk, għandu jiġi kkonstatat li la l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 u lanqas il-paragrafu 3 tal-istess artikolu ma jippreċiżaw in-natura tar-relazzjoni ġuridika li abbażi tagħha ż-żona kkonċernata hija użata mill-bidwi. Għaldaqstant, ma jistax jiġi dedott minn dawn id-dispożizzjonijet li l-biċċiet tal-art inkwistjoni għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi skont kuntratt ta' kiri jew tranżazzjoni tal-istess tip.

55 Skont il-prinċipju tal-libertà kuntrattwali, il-partijiet huma konsegwentement liberi li jaġġustaw ir-relazzjoni ġuridika li fuqha huwa bbażat l-użu taż-żona kkonċernata. Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni kuntrarja, huma liberi li jipprovdu li t-tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-biċċiet tal-art issir mingħajr korrispettiv finanzjarju.

56 Bl-istess mod, huma intitolati li jipprovdu li, bħala korrispettiv ta' dan it-tqiegħed għad-dispożizzjoni, il-bidwi għandu jħallas il-kontribuzzjonijiet dovuti lill-assoċjazzjoni professjonali.

57 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk żona tistax titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda meta huma imposti fuq il-bidwi, bħal fil-każ tal-kuntratt konkluż minn A. Niedermair-Schiemann fit- 12 ta' Novembru 1998 mal-Land de Rhénanie-Palatinat, ċerti restrizzjonijiet li jikkonċernaw iż-żmien u n-natura tal-attivitajiet permessi fuq din iż-żona.

58 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif ukoll jirriżulta mil-punt 52 ta' din is-sentenza, żona tifforma parti mill-azjenda tal-bidwi meta dan ikollu s-setgħa li jmexxija għal skopijiet tal-eżerċizzju ta' attività agrikola.

59 La r-Regolament Nru 1782/2003 u lanqas ir-Regolamenti Nri 795/2004 u 796/2004 ma jispeċifikaw il-portata eżatta tal-frażi "l-units kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi" li jinsabu fl-Artikolu 2(b) tal-imsemmi Regolament Nru 1782/2003.

60 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tat-termini, li ma jingħataw ebda definizzjoni fid-dritt tal-Unjoni, għandha tiġi stabbilita skont it-tifsira komuni tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li fl-istess ħin jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintużaw u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li minnha jifformaw parti (sentenza tal-10 ta' Marzu 2005, easyCar, C-336/03, Ġabra p. I-1947, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Fir-rigward tal-iskema ta' pagament uniku, il-kunċett ta' ġestjoni ma jimplikax, kuntrarjament għal dak li ssostniet l-ADD fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li l-bidwi għandu setgħa illimitata fuq iż-żona kkonċernata meta jużaha għal skopijiet agrikoli.

62 Min-naħa l-oħra, il-bidwi għandu jgawdi minn awtonomija suffiċjenti fir-rigward ta' din iż-żona għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżaminaha, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha ta' din il-kawża.

63 F'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, jeħtieġ b'mod partikolari li l-bidwi ma jkunx suġġett kompletament għall-istruzzjonijiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti. Għalhekk, minkejja l-istruzzjonijiet tagħha, il-bidwi għandu jkun jista' jeżerċita ċerta diskrezzjoni deċiżjonali fil-kuntest tal-użu taż-żona kkonċernata.

64 Skont l-Artikolu 44(3) tar-Regolament Nru 1782/2003, iż-żoni eliġibbli għall-appoġġ għandhom barra minn hekk ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi għal, tal-inqas, perijodu ta' għaxar xhur.

65 Matul dan il-perijodu, il-bidwi għandu jkun jista' juża b'awtonomija suffiċjenti ż-żona inkwistjoni għall-attivitajiet agrikoli tiegħu, inkluż il-manutenzjoni tal-artijiet f'kundizzjonijiet agrikoli ambjentali tajbin fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1782/2003.

66 Barra minn hekk, huma importanti li ż-żoni inkwistjoni ma jkunux is-suġġett ta' ebda attività agrikola eżerċitata minn terzi matul l-imsemmi perijodu. Sabiex jiġi evitat li diversi bdiewa jsostnu li l-biċċiet tal-art ikkonċernati bħala li jifformaw parti mill-azjenda tagħhom, huwa fil-fatt neċessarju li, matul dan il-perijodu, dawn iż-żoni ma jistgħux jitqiesu bħala li jifformaw parti mill-azjenda ta' bdiewa oħrajn għall-finijiet tal-iskema ta' pagament uniku.

67 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk żona agrikola tistax titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda meta l-bidwi huwa obbligat jwettaq ċerti servizzi li għalihom huwa rremunerat.

68 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, l-azjenda agrikola hija kkostitwita minn art li tinħadem u minn mergħa permanenti li huma użati għal attività agrikola, li hija eżerċitata mill-bidwi b'ċerta awtonomija.

69 Jeħtieġ li jiġi speċifikat ukoll li l-eżerċizzju tal-attività agrikola fuq iż-żoni kkonċernati għandu jsir f'isem il-bidwi, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.

70 Barra minn hekk, il-fatt li l-bidwi għandu jwettaq, bi ħlas, ċerti kompiti f'isem terz huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.

71 Konsegwentement, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, għandu jkun interpretata fis-sens li:

— ma huwiex neċessarju, sabiex żona agrikola titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda tal-bidwi, li din tkun għad-dispożizzjoni tiegħu permezz ta' kuntratt ta' kiri jew tip ieħor ta' kuntratt tal-istess tip konkluż bi ħlas;

— ma jipprekludix li ż-żona titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda, li hija mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-bidwi bla ħlas, permezz tal-fatt biss li l-bidwi huwa responsabbili li jħallas il-kontribuzzjonijiet dovuti lill-assoċjazzjoni professjonali, għal użu speċifiku matul perijodu limitat skont l-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, bil-kundizzjoni li dan il-bidwi jkun jista' juża tali żona b'awtonomija suffiċjenti għal, tal-inqas, perijodu ta' għaxar xhur, u li

— ma jikkawżax preġudizzju lir-rabta taż-żona kkonċernata mal-azjenda tal-bidwi l-fatt li dan għandu jwettaq bi ħlas ċerti kompiti għal terz, fejn din iż-żona hija

użata wkoll mill-bidwi għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu f'ismu.

**Fuq l-ispejjeż**

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2013/2006, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludiex li żona tkun eliġibbli għall-appoġġ li, minkejja użata wkoll għal skopijiet agrikoli, isservi prinċipalment għall-preservazzjoni tal-pajsaġġ u għall-protezzjoni tan-natura. Barra minn hekk, il-fatt li bidwi huwa suġġett**

**għall-istruzzjonijiet tal-amministrazzjoni responsabbli għall-protezzjoni tan-natura ma jċaħħadx attività li tikkorrispondi għad-definizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(ċ) tal-imsemmi regolament min-natura agrikola tagħha.**

**2) L-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 2013/2006, għandu jiġi intepretat fis-sens li:**

**— ma huwiex neċessarju, sabiex żona agrikola titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda tal-bidwi, li din tkun għad-dispożizzjoni tiegħu permezz ta' kuntratt ta' kiri jew tip ieħor ta' kuntratt tal-istess tip konkluż bi ħlas;**

**— ma jipprekludix li ż-żona titqies bħala li tifforma parti mill-azjenda, li hija mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-bidwi bla ħlas, permezz tal-fatt biss li l-bidwi huwa responsabbili li jħallas il-kontribuzzjonijiet dovuti lill-assoċjazzjoni professjonali, għal użu speċifiku matul perijodu limitat skont l-għanijiet ta' protezzjoni tan-natura, bil-kundizzjoni li dan il-bidwi jkun jista' juża tali żona b'awtonomija suffiċjenti għal, tal-inqas, perijodu ta' għaxar xhur, u li**

**— ma jikkawżax preġudizzju lir-rabta taż-żona kkonċernata mal-azjenda tal-bidwi l-fatt li dan għandu jwettaq bi ħlas ċerti kompiti għal terz, fejn**

**din iż-żona hija użata wkoll mill-bidwi għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu f'ismu.**

Firem